# Kunsill Lokali Birgu

**Head Office -** Couvre Porte - Birgu BRG 1810 Tel : 21662166 Fax : 21662266
e.mail : **birgu.lc@gov.mt** website : **www.birgu.gov.mt**


1 ta’ Novembru, 2012

# Minuti tal-laqgha 12(06)

Il-Kunsill Lokali tal-Birgu ltaqa’ ghal laqgha numru 12(06) fl-ufficini amministrattivi tal-Kunsill fil-Berga ta’ Franza nhar l-Erbgha 19 ta’ Dicembru, 2012, fi siegha ta’ wara nofsinhar (13:00pm)

## Prezenti

Is-Sindku s-Sur John Boxall, il-Kunsillier Anton Gellel, l-Kunsillier Alan Cassar u l-Kunsillier Lawrence Attard

Il-Vici Sindku, s-Sur Trevor Mizzi, kien skuzat minhabba li kien ma jiflahx.

Is-Sindku s-Sur John Boxall stqar li l-laqgha ma saritx il-bierah it-Tlieta 18 ta’ Dicembru, 2012, peress li kemm hu kif ukoll il-Vici Sindku, s-Sur Trevor Mizzi kienu ma jifilhux.

## Talba.

Is-Sindku s-Sur John Boxall, qal it-talba u tah bidu ghal laqgha.

### 1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

1.1 Item 1.2 (11/06) u Item 6(11/06) L-attivita tal-BirguFest

Is-Sindku s-Sur John Boxall nforma lil Kunsilliera prezenti li l-Kunsill Lokali tal-Birgu diga beda jipprepara ghall-attivita tal-BirguFest 2013.

1.2 Item 1.3 (11/06) Is-Sitwazzjoni Finanzjarja tal-Kunsill Lokali tal-Birgu

Is-Sindku ghal darb’ohra tenn li l-Kunsill Lokali tal-Birgu mhux qieghed jaghmel l-ebda spejjez, ghajr lis-spejjez relatati ma’ xogholijiet ta’ urgenza. Is-Sindku qal li l-attivitajiet kollha organizzati ghal zmien il-Milied, li jinkludu *party* ghat-tfal, kif ukoll *party* ghall-anzjani li jghixu fid-Dar ta’ l-Anzjani ta’ San Vincenz De Paule u d-Dar ta’ l-Anzjani ta’

Bormla, gew organizzati bl-ghajnuna ta' diversi donazzjonijiet li l-istess Kunsill ircieva u ma kienux ta' piz finanzjarju fuq il-Kunsill.

1.3 Item 2.7(11/06) Il-Progett SECRET

Is-Sindku s-Sur John Boxall, nforma lil Kunsilliera li l-Vici Sindku tal-Belt ta' Volos fi Grecja Ms. Natassa Oikonomou, nfurmat lil Kunsill Lokali tal-Birgu li l-ammont dovut ta' € 8297.75 ser jithallas fl-24 ta' Dicembru, 2012.

1.4 Item 2.8(11/06) Decizjoni dwar is-sejha AS 07/12 – Provista, installazjoni, ittestjar u kummisjoni ta' sistema ta' *airconditioning* fil-Berga ta' Franza

Is-Sur John Boxall, Sindku, nforma lil Kunsilliera prezenti li saret laqgha ma' membri tal-kumpanija Panta Marketing & Services Ltd. kif ukoll ma' l-Engineer Renzo Curmi, fejn gie diskuss x-xoghol relatat ma' l-offerta AS 07/12 li ser jibda f'Mejju ta' l-2013. Is-Sindku zied jghid li l-kuntratt ghal dan ix-xoghol ser jigi ffirmat fi 2 ta' Jannar, 2013.

1.5 Item 2.14(11/06) Servizz ta' Transport bil-bahar bejn il-Port il-Kbir u l-Port ta' Marsamxett.

Is-Sindku nforma lil Kunsilliera li dan is-servizz tat-transport bejn il-Belt Valletta u l-Birgu qieghed jopera.

1.6 Item 2.15(11/06)Premju Zghazugh tas-Sena 2012

Is-Sur John Boxall, Sindku, qal li l-applikazzjoni ta' Christian Raggio, nnominat mil-Kunsill Lokali tal-Birgu ghal Premju Zghazugh tas-Sena 2012, organizzat mil-Moviment Kerygma giet sottomessa.

1.7 Item 3(11/06) Iz-zghazagh fil-lokalita tal-Birgu

Is-Sur John Boxall, Sindku, ghal darb'ohra sostna li l-Kunsill Lokali tal-Birgu lest li jghin liz-zghazagh tal-lokalita tal-Birgu, fejn anke lest li jghin billi jigu organizzati attivitajiet bil-kollaborazzjoni ta' l-istess Kunsill. Barra min hekk, is-Sindku sostna li l-Kunsill qed jippartecipa f'diversi progetti ffinanzjati mil-Unjoni Ewropea, taht is-sejha Youth in Action u dan bl-ghajnuna li b'dawn il-progetti ikun jista' jzomm u jibqa' f'kuntatt kontinwu maz-zghazagh ta' din il-lokalita.

1.8 Item 7(11/06) Zvillupi dwar it-Tender SSMW 08/12 – Sejha ghal offerti ghal Knis ta' toroq u gbir ta' skart domestiku

Is-Sindku, s-Sur John Boxall, nforma lil Kunsilliera li l-*Public Contracts Review Board* ma kienx accetta l-appell tas-Sur Alexander Fenech, ghas-sejha ta' l-offerta SSMW 08/12 – Sejha ghal offerti ghal Knis ta' toroq u gbir ta' skart domestiku. Is-Sindku ghalqdaqstant zied jghid li mil-1 ta' Jannar, 2013, l-kuntrattur Saviour Mifsud, ser jibda bix-xoghol tieghu fil-lokalita tal-Birgu, fejn l-knis u t-tindif tat-toroq ser jibda mil-1 ta' Jannar, 2013, filwaqt li l-gbir ta' skart domestiku ser jibda mit-2 ta' Jannar, 2013.

Hawnhekk, is-Sindku s-Sur John Boxall, zied jghid li l-Kunsill Lokali tal-Birgu ser jibda joffri s-servizz tal-gbir ta' skart goff liema servizz ser ikun maghmul mil-haddiema assenjati mil-E.T.C min nhar l-Erbgha 2 ta' Jannar, 2013. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

1.9 Item 8(11/06) Informazzjoni dwar il-konferenza "7th Silk Mayors' Forum" gewwa Gaziantep fit-Turkija

Is-Sindku nforma lil Kunsilleria li hu kien bghat korrispondenza lis-Sindku tal-Belt ta' Gaziantep fit-Turkija, kif ukoll lil President tal-*World Citizens Organization* fejn ghan-nom tal-Kunsill Lokali tal-Birgu, rringrazzjhom ta' l-ospitalita li taw lil Kunsillier Lawrence Attard u lil Dr. Paul Bezzina, waqt il-konferenza "7th Silk Mayors' Forum" li saret fil-Belt ta' Gaziantep. Hawnhekk, is-Sindku zied jghid li d-decizjoni tal-Kunsill sabiex flimkien mal-Kunsillier Lawrence Attard jattendi Dr. Paul Bezina, biex jirraprezenta lil Kunsill kienet zgur decizjoni tajba u ta' gid kbir mhux ghal Kunsill Lokali tal-Birgu biss imma ghal pajjizna.

## 2. Korrispondenza

2.1 Progetti ffinanzjati mil-Unjoni Ewropea

Is-Sindku s-Sur John Boxall, nforma lil Kunsilliera prezenti li l-Kunsill ghadu kemm gie nfurmat li dawn il-progetti, ffinanzjati mil-Unjoni Ewropea gew approvati

a. Il-Progett "Open the Door"

Il-Progett "Open the Door", progett organizzat mil-villagg ta' Belvi f'Sardegna, huwa progett iffinanzjat taht is-sejha *Youth in Action.* Ghal dan il-progett il-Kunsill irid jaghzel sitt zghazagh ta' bejn it-18 u l-25 sena sabiex bejn l-4 u l-11 ta' Mejju, 2013 jirraprezentaw lil Belt tal-Birgu fil-villagg ta' Belvi f'Sardegna. Barra min hekk ghal din il-progett hemm bzonn li persuna responsabli tattendi ghal *Advance Planning Meeting* li ser issir bejn it-22 u l-25 ta' April, 2013 f'dan il-villag, hawnhekk is-Sindku ssugerixxa li l-iskrivana s-Sinjura Moira Azzopardi, tirraprezzenta hi lil Kunsill tal-Birgu peress li dan il-progett ser ikun taht ir-responsabilita taghha. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

b. Il-Progett "Tastes of Europe"

Il-Progett "Tastes of Europe" huwa ukoll progett iffinanzjat taht is-sejha *Youth in Action*, fejn ghal dan il-progett il-Kunsill irid jaghzel ghaxar zghazagh fejn hamsa minnhom iridu jkunu ta' bejn il-15 u s- 17-il sena u l-hamsa l-ohra bejn it-18 u l-25 sena, biex bejn il-11 u s-16 ta' Frar, 2013, jirraprezentaw lil Belt tal-Birgu gewwa l-Polonja. Barra min hekk ghal dan il-progett, hemm bzonn li persuna responsabli tattendi ghal *Advance Planning Meeting* bejn il-25 u s-27 ta' Jannar, 2013. Is-Sindku ssugerixxa sabiex dan il-progett fit-totalita tieghu jkun taht ir-responsabilita tal-Vici Sindku s-Sur Trevor Mizzi.

c. Il-progett "Days of Twinning Cities 2012 – Active Seniors in Europe"

Is-Sindku, nforma lil Kunsilliera prezenti li l-Kunsill Lokali ta' Brezno fi Slovakja, nforma lil Kunsill Lokali tal-Birgu, li l-progett "Days of Twinning Cities 2012 – Active Seniors in Europe", taht il-programm "Europe For Citizens" gie approvat u ser jigi mplimentat bejn id-29 ta' Mejju u t-2 ta' Gunju, 2013. Is-Sindku zied jghid li sa issa ghad m'ghandux aktar informazzjoni dwar dan il-progett.

d. Il-progett "DECIDE"

Is-Sindku nforma lil kunsilliera li bl-ghajnuna ta' l-Assocjazzjoni ALDA, li l-istess Kunsill huwa membru fih, l-Kunsill Lokali tal-Birgu, ser jiehu sehem fi progett iffinanzjat mil-Unjoni Ewropea, taht is-sejha "Europe for Citizens – Action 1.1.2 Networks of Twinned Towns". Dan il-progett ser jinghata l-bidu tieghu fi 30 ta' Mejju, 2013 u jasal fi tmiemu fi 29 ta' Mejju, 2015. F'dan il-progett, b'kollox hemm 15 –il *partner* partecipanti min hmistax il-pajjiz differenti Ewropej. Is-Sindku hawnhekk, issugerixxa sabiex dan il-progett jaqa' taht ir-responsabilta tal-Kunsillier Alan Cassar, kif ukoll tas-Segretarja Ezekuttiva s-Sinjorina Christine Bonello. Dwar dan is-suggeriment kien hemm qbil unanimu.

2.2 Donazzjoni ta' zewg twieqi *stained glass* mil-Kumpanija Brian Constructions Ltd.

Is-Sindku s-Sur John Boxall, nforma lil Kunsilliera prezenti li l-kumpanija Brian Constructions Ltd. offriet donazzjoni ta' zewg twieqi maghmula bi *stained glass* ghall-entrata principali tal-Berga ta' Franza. Is-Sindku hawnhekk ipprezenta kopja ta' l-*artwork* ghall-attenzjoni tal-Kunsiliera li ukoll giet approvata.

2.3 Memo 49/12 Skema ta' finanzjament ta' inizjattivi specjali ghas-sena 2013

Is-Sur John Boxall, Sindku pprezenta kopja ta' l-applikazzjoni li l-Kunsill Lokali tal-Birgu bghat taht l-isekma ta' finanzjament ta' inizjattivi specjali ghas-sena 2013, fejn l-istess Kunsill applika sabiex f'parti mil-livel terran tal-binja amministrattiva tal-Kunsill, fil-Berga ta' Franza issir "Day Centre" ghall-anzjani, filwaqt li filghaxija, din il-parti ta' din il-binja tintuza bhala centru ghaz-zghazagh ta' din il-Belt. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.4 Memo 45/12 Skema Inizjattivi Sportivi 2013

Is-Sindku pprezenta ghall-attenzjoni tal-Kunsill Lokali tal-Birgu, kopja ta' l-applikazzjoni ghall-iskema ta' inizjattivi Sportivi ghas-sena 2013, fejn l-istess Kunsill applika sabiex fis-sena 2013, isir l-*After School Programme* ghat-tfal li jattendu l-iskola Primarja Santu Rokku, kif ukoll jittellghu l-*Aerobics Classes* ghar-residenti ta' din il-Belt.

2.5 Lejla Letterarja ghan-nom ta' Gigi Buttigieg

Is-Sindku s-Sur John Boxall, ipprezenta talba mil-familja ta' Dr. Louis Buttigieg, maghruf bhala l-Gigi, fejn talbu sabiex fl-okkazzjoni tal-hamsin sena anniversarju mil-mewt ta' Dr. Louis Buttigieg, titella' lejla letterarja gewwa l-Berga ta' Franza. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill jilqa' din it-talba u bil-kollaborazzjoni tieghu tigi organizzata din il-lejla letterarja. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.6 Il-progett "BEST – Becoming Smart Together!

Is-Sindku s-Sur John Boxall qal li l-Kunsill Lokali tal-Birgu wera l-interess tieghu ma' l-Assocjazzjoni ALDA, sabiex jippartecipa fil-progett iffinanzjat mil-Unjoni Ewropea, l-progett "BEST – Becoming Smart Together" taht is-sejha ta' programme "Europe for Citizens – Action 1.1.2 Thematic Networking of Twinned Towns". Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.7 Memo 56/2012 – Skema ta'Finanzjament ta' Progett Pilota – Inizjattiva Msejha *Book Box*

Is-Sindku nforma lil Kunsilliera li l-Kunsill Lokali tal-Birgu, wera l-interess li jippartecipa f'inizjattiva sabiex it-*telephone boxes* tradizzjonali homor, jigu kkonvertiti f'libreriji zghar mxerrda ma' Malta u Ghawdex. Il-pjan huwa li dawn it-*telephone boxes* jinbdilu f'dawk li din l-organizazzjoni qed isejhilhom *book boxes* fejn minflok it-telefon, fihom jitwahhlu xkafef u jigu mimlija b'diversi kotba kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliz, li jkunu ta' interess ghat-tfal u ghall-kbar. Importanti ferm li dawn l-*Book Boxes* ikunu kontinwament solveljati b'CCtv *camera*. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.8 Kwotazzjoni ghal CCTv cameras ghal binja tal-Kunsill Lokali tal-Birgu

Is-Sindku pprezenta kwotazzjoni minghand il-kumpanija G4S Security Services (Malta) Ltd. sabiex fil-binja tal-Kunsill Lokali tal-Birgu tigi nstallata sistema ta' CCTv camera, ghal prezz ta' € 525.10. Wara diskussjoni s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill japprova din il-kwotazzjoni. Il-Kunsillier Anton Gellel issekonda u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.9 Ittra mis-Socjeta Muzikali San Lawrenz dwar il-problema ta' l-ilma fil-garage ta' Fuq tal-Hawli

Is-Sindku pprezenta kopja ta' ittra mibghuta mis-Segretarju tas-Socjeta Muzikali San Lawrenz, fejn nforma lil Kunsill li ser jibdew il-proceduri legali min-naha ta' din s-socjeta dwar il-problema tal-ilma fil-garage ta' Fuq tal-Hawli.

2.10 L-Assocjazzjoni RETE

Is-Sindku s-Sur John Boxall, pprezenta korrispondenza mibghuta mil-Assocjazzjoni RETE fejn nfurmaw lil Kunsill Lokali tal-Birgu li accettaw l-applikazzjoni ta' l-istess Kunsill sabiex inkunu membri f'din l-Assocjazzjoni.

2.11 Ittra mil-Kumpanija J.F. Mallia Ltd.

Is-Sindku pprezenta kopja ta' ittra mibghuta mil-Avukat tal-kumpanija J.F.Mallia Ltd. sabiex il-Kunsill ihallas l-ammont dovut lil din il-kumpanija. Is-Sindku s-Sur John Boxall, stqar li l-Kunsill lest li jhallas l-ammont dovut izda minhabba s-sitwazzjoni finanzjarja li qieghed jiffacja mhux f'pozizzjoni li jhallas fl-immedjat.Is-Sur Boxall, qal li din il-korrispondenza giet mwiegba minghand l-Avukata tal-Kunsill Lokali tal-Birgu Dr. Alexandra Mizzi.

2.12 Il-progett “Exchanging Ideas from Belvi to Birgu”

Is-Sur John Boxall, Sindku nforma lil Kunsilliera prezenti li sfortunatament l-applikazzjoni tal-Kunsill Lokali tal-Birgu ghal progett iffinanzjat mil-Unjoni Ewropea taht l-iskema *Youth in Action* ma gietx approvata mil-bord ta’ l-ghazla ta’ l-Agenzija “EUPA”

2.13 Ittra lil Vittoriosa Stars F.C.

Is-Sindku s-Sur John Boxall pprezenta kopja ta’ l-ittra mibghuta lil Vittorosa Stars F.C., fejn il-Kunsill Lokali tal-Birgu talab lil din is-Socjeta, sabiex waqt ix-xogholijiet fuq iz-zona tal-Collachio il-ground tal-Fortini jew parti minnhu, issir zona ta’ parkegg ghar-residenti li joqoghdu f’din iz-zona tal-Collachio u t-toroq ta’ madwar, minghajr l-ebda hlas.

2.14 Ittra mil-Kap Kmandant ta’ l-HMS ILLUSTRIOUS

Is-Sindku pprezenta ittra mibghuta mil-Kap Kmandat ta’ l-HMS ILLUSTRIOUS, fejn irringrazzja lil Kunsill tal-presenza tieghu waqt ic-cerimonja li saret fuq l-HMS ILLUSTRIOUS, kif ukoll tar-rigal mghoti min-naha tal-Kunsill Lokali tal-Birgu.

2.15 Kuntratt tal-gbir ta’ Skart Separat mal-Kumpanija GreenMt

Is-Sindku s-Sur John Boxall, qal li l-Kunsill Lokali tal-Birgu kien iffirmar ghat-tigdid tal-kuntratt ta’ gbir ta’ skart separat fil-Belt tal-Birgu, liema kuntratt sar mal-kumpanija GreenMT ghas-sena 2013/2014. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.16 Inizjattiva mil-Kunsill Malti ghas-Settur tal-Volontorjat (MCVS)

Il-Kunsill Malti ghas-Settur tal-Volontorjat niedha inizjattiva sabiex flimkien mal-Kunsilli Lokali jkun f’pozizzjoni li jghin lis-settur tal-volontorjat. Ghal dan il-ghan il-Kunsill Malti ghas-Settur tal-Volontarjat stieden lil Kunsill Lokali tal-Birgu biex flimkien issir laqgha ghall-ghaqdiet u organizzazjonijiet volontarji li hemm fil-belt tal-Birgu. Wara diskussjoni s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill jilqa’ din it-talba u jghin sabiex l-MCVS jorganizza din il-laqgha fil-belt tal-Birgu. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.17 Ittra mis-Socjeta Muzikali San Lawrenz

Is-Sindku s-sur John Boxall, ipprezenta ittra mibghuta mis-Socjeta Muzikali San Lawrenz, fejn is-Segretarju ta’ din is-socjeta qieghed issostni li ghad hemm hlas pendent ghal-ghajnuna finanzjarja mwieghda minn wiehed mil-kuntratturi tal-Kunsill. Is-Sindku nforma lil Kunsilliera bil-kwistjoni pendenti relatata ma’ din is-socjeta.

3. **Is-sitwazzjoni tal-progett ta’ Couvre Porte**

Is-Sindku s-Sur John Boxall, tah rendikont lil Kunsilliera prezenti tal-progett ta’ Couvre Porte li qieghed issir mil-Gvern Centrali u ffinanzjat mil-Unjoni Ewropea taht l-iskema ERDF.

4. **Il-Progett tal-Gnien Fuq tal-Hawli**

Is-Sindku, s-Sur John Boxall, tah rendikont tax-xogholijiet inkonessjoni mal-progett tal-gnien Fuq tal-Hawli. Is-Sindku zied jghid li l-progett miexi u qeghdin isiru diversi xogholijiet izda l-ispiza ghal dan il-progett ser tkun ikbar min dak stmat. Is-Sindku sostna li hu flimkien mas-Segretarja Ezekuttiva, attendew ghal laqgha mad-Direttur ta' l-Awtoritta tad-Djar, Dr. Albert Buttigieg fejn il-Kunsill Lokali tal-Birgu talab sabiex jinghata aktar finanzjament ghal dan il-progett, izda min-naha l-ohra, l-Kunsill iwieghed li ghat-tlett snin li gejjien, ma japplikax ma' l-Awtorita tad-Djar ghal progetti ohra taht din l-iskema. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

5. **Propost gemellag mal-Belt Taljna Amalfi**

Is-Sindku s-Sur John Boxall qal li bejn il-16 u l-19 Novembru, 2012, rappreżentanti tal-belt ta 'Amalfi, zaru lil Belt tal-Birgu biex flimkien jibdew jaħdmu fuq sħubija fit-tul bejn il-komunitajiet taż-żewġ ibliet marittimi. Id-delegazzjoni tal-Belt ta' Amalfi kienet magħmula mis-Sindku Alfonso Del Pizzo, il-Kunsillier Daniele Milano u Gennaro Pisacane u mill- Kunsillier RARMI Sergio Passariello. Is-Sindku ta ' Ravello, is-Sur Paul Vuilleumier, kien ukoll parti mid-delegazzjoni li zaru l-Belt tal-Birgu.Is-Sur John Boxall, Sindku, nforma lil Kunsilliera li din id-delegazzjoni uriet ix-xewqa li jibdew il-proceduri ghal gemellag bejn il-Belt tal-Birgu u l-Belt ta' Amalfi. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex jilqa' din it-talba u flimkien jibdew jahdmu sabiex issir il-gemellag ma' din il-Belt. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

6. **Il-Progett ta' Triq San Lawrenz**

Is-Sur John Boxall, Sindku, tah rendikont tas-sitwazzjoni ta' Triq San Lawrenz, u pprezenta kopja ta' korrispondenza mibghuta mil-Perita Charlene Bonnici, l-perita responsabli min dan il-progett min-naha ta' Transport Malta. Is-Sinjorina Bonnici, nfurmat lil Kunsill li gie ppreparat t-*tender document* gdid ghax-xogholijiet ghal din it-triq, kif ukoll ghal xiri ta' *lava paving blocks*. Is-Sindku zied jghid li l-Kunsill Lokali tal-Birgu qieghed isegwi bir-reqqa dan il-progett.

7. **Decizjoni dwar is-sejha PPP 09/12 – Kisi mil-gdid ta' toroq taht l-iskema *Private Partnership Scheme***

Is-Sur John Boxall, Sindku, nforma lil kunsilliera prezenti li is-sejha PPP 09/12 ghal-kisi mil-gdid ta' toroq taht l-iskema *Private Partnership Scheme* ghalqet fi 17 ta' Dicembru, 2012, u ghaliha kien hemm biss applikazzjoni wahda, dik tal-kumpanija Asfaltar Constructions ltd, ghal prezz ta' € 908,829.15. Is-Sindku s-Sur John Boxall nforma lil Kunsilliera li kopja ta' din l-offerta ntbghatet lil Perit tal-Kunsill, sabiex issir rapport ta' evalwazzjoni min-naha tal-perit tieghu, sabiex dan ir-rapport iwassal il-Kunsill ghad-decizjoni tieghu. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

8. **Decizjoni dwar is-sejha RM 10/12 – Zamma u manutenzjoni ta' toroq li jaghtu access biss u toroq pedonali**

Is-Sindku qal li s-sejha RM 10/12 ghaz-zamma u manutenzjoni ta' toroq li jaghtu access biss u toroq pedonali ghalqet fi 17 ta' Dicembru, 2012, u ghal din l-offerta l-Kunsill

ircieva tlett applikazzjonijiet. Dik mil-kumpanija V&M Imports Co. Ltd, Dimbros Ltd, u BC Ltd. Is-Sindku s-Sur John Boxall nforma lil Kunsilliera li kopja ta' dawn l-offerti ntbghatet lil Perit tal-Kunsill, sabiex issir rapport ta' evalwazzjoni min-naha tal-perit, biex tkun tista' twassal ghad-decizjoni tal-Kunsill. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

9. **Affarijiet Ohra**

9.1 Is-Sindku pprezenta ghall-approvazzjoni tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti dovuti mill-Kunsill. Is-Sindku ssuggerixxa sabiex din il-lista tigi approvata. Is-Sur Anton Gellel, Kunsillier, issekondat u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

9.2 Il-Kunsilliera Anton Gellel, Lawrence Attard u Alan Cassar, taw rendikont tal-*party* ghat-tfal li ttella' mil-Kunsill nhar il-Gimgha 14 ta' Dicembru, 2012, fejn ghalih attendew 95 tifel u tifla mil-Belt tal-Birgu.

9.3 Il-Kunsillier Lawrence Attard, nforma lil Kunsill Lokali tal-Birgu dwar l-laqgha li saret ma' rapprezentanti tan-*National Health Services* fejn nfurmaw lil Kunsill li jixtiequ li jsiru laqghat mac-cittadini anzjani. Hawnhekk, il-Kunsill issugerixxa sabiex dawn il-laqghat isiru mas-socjeta tal-Caritas. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

Il-Laqgha ntemmet fi 4:30 ta' filghaxija

| | |
|---|---|
| Christine Bonello | ikkonfermati John Boxall |
| Segretarja Ezekuttiva | Sindku |